MARSAXLOKK

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar l-Erbgha 6 ta' April 2016 fit-3:00 p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum l-4 ta' April 2016
Nru 20

## Aġenda

1. Jum Marsaxlokk 2016

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta b'urgenza nru 20, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 6 ta' April 2016, fit-3:00 p.m.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |
| **Skuzati:** | Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Daniel Zerafa (D.Z.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

**Agenda ghal-laqgha :**

---

**1.** Jum Marsaxlokk 2016

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**20/01** **Jum Marsaxlokk 2016**

20/01/01 Is-Sindku fetah is-seduta billi informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien jinhtieg tittiehed decizjoni dwar min kellu jinghata Gieh Marsaxlokk. Is-Sur Gauci zied jghid illi wara li hekk kif maqbul kienu infethu n-nomini, il-Kunsill Lokali kien ircieva zewg sottomissjonijiet li kienu gew mghoddija lill-bord mahtur sabiex jevalwa n-nomini. Wara li xtarr tajjeb l-informazzjoni li kienet giet ipprezentata fin-nomini, l-imsemmi bord kien wasal ghall-konkluzjoni illi filwaqt li s-Sa. Pauline Grech, kemm il-darba l-Kunsill Lokali jaqbel kien haqqha li tinghata Gieh Marsaxlokk 2016, is-Sur Renato Attard kellu jinghata rikonoxximent ghall-hidma tieghu b'risq l-ghaqdiet tal-lokalita'.

20/01/02 Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, filwaqt li z-zewg nominati kienu hadmu sfiq favur il-lokalita', fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra li jaghti Gieh Marsaxlokk 2016 lill-Perit Edric Micallef, ex-Sindku ta' Marsaxlokk u persuna li kienet hadmet shih favur il-lokalita' tant li kien ghadu jghin lill-Kunsill Lokali kontinwament. Is-Sur Grech zied jghid illi s-Sa. Grech u s-Sur Attard kellhom jinghataw rikonoxximent ghal hidmiethom.

20/01/03 Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil mal-proposta tal-Vici-Sindku u gie deciz illi Gieh Marsaxlokk 2016 jinghata lill-Perit Edric Micallef filwaqt li s-Sa. Pauline

Grech u Renato Attard kellhom jinghataw rikonoxximent ghal hidma taghhom matul is-snin.

20/01/04 Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera prezenti b'arrangamenti li kienu saru b'konnessjoni ma Jum Marsaxlokk 2016 li kien ser jittella' nhar il-Hadd 17 ta' April 2016.

Is-Seduta ntemmet fit-3:30 p.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: 16/4/16